MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2014

Numru. 1110/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR CAROL FABRI**

**VS**

**IBRAHIM SIESSE**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Ibrahim Siesse, maghruf b'numru tal-Pulizija 12X 006.

**Akkuzat talli:**

Nhar id-9 ta` Novembru, 2013, ghal habta tas-sitta nieqsin kwart ta` filghaxija (17:45hrs) u fil-hinijiet ta` wara, gewwa c-Centru l-Maghluq ta` Hal Safi:

Ikkaguna griehi ta` natura gravi fuq il-persuna ta` Grania Mehedin Jamal, numru tal-Pulizija 13F 023 skont kif iccertifikat minn Dr. C. Muscat (Med. Reg. 1493) mic-Centru tas-Sahha tal-Floriana.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li rat l-Artikolu 216 (1) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

L-imputazzjonijiet rrizultaw pero` li l-Qorti tinsel bi grad jew tnejn mill-piena minhabba li jirrizulta s-*self protection* tal-imputat;

Ghaldaqstant il-Qorti tikkundanna lill-istess imputat sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn (2) ai terminu tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------